Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,164, 9 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 67 tal-2019

ATT DWAR IL-KUMMISSJONI ĊINEMATOGRAFIKA TA' MALTA (KAP. 478)

Regolamenti tal-2019 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26(1) u 33 tal-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta, il-Ministru għat-Turiżmu, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra:

"approvazzjoni finali" tfisser l-approvazzjoni mogħtija skont ir-regolament 9;

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta; Kap. 478.

"Bord għas-Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat" tfisser il-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat imwaqqaf taħt l-artikolu 57 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji; Kap. 325.

"ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja" tfisser iċ-ċertifikat maħruġ skont ir-regolament 7 wara li tiġi rċevuta l-applikazzjoni rilevanti flimkien mad-dokumenti ta' sostenn u wara li jiġu eżaminati skont kif stipulat fil-Linji gwida rilevanti;

"fotografija prinċipali" tfisser l-iffilmjar ta' komponenti kbar jew sinifikattivi ta' produzzjoni awdjoviżiva li jinvolvi atturi prinċipali jew il-bidu ta' xogħol ta' animazzjoni, jew VFX lest kompletament jew f'parti minnu ġewwa Malta;

"inċentiv finanzjarju" tfisser il-benefiċċju finanzjarju li hemm previst fir-regolament 5;

"infiq eliġibbli" tfisser l-partiti tal-infiq mġarrba mill-kumpannija kwalifikanti fir-rigward tal-produzzjoni kwalifikanti li huma eliġibbli hekk kif stabbilit mill-Kummissarju skont kif stipulat fil-Linji gwida;

"intrapriża" tfisser kull entità li tagħmel attività ekonomika;

"koproduzzjoni" tfisser produzzjoni kwalifikanti li hija s-suġġett ta' ftehim ta' koproduzzjoni bejn żewġ (2) koprodutturi jew iktar;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju Ċinematografiku;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta;

"kumpannija kwalifikanti" tfisser kumpannija kwalifikanti li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 4;

"Linji gwida" tfisser il-linji gwida li jistgħu jinħargu mill-Kummissjoni minn żmien għal żmien;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-*films*;

"prodott kulturali" tfisser produzzjoni awdjoviżiva li fir-rigward tagħha l-Kummissarju stabbilixxa li l-kontenut tal-produzzjoni awdjoviżiva huwa kulturali, skont lista predeterminata ta' kriterji kulturali;

"produzzjoni kwalifikanti" tfisser produzzjoni kwalifikanti li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 3;

"Regolament" tfisser Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat;

Kap. 460.

"Stat Membru tal-UE" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea kif imfisser fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

"tlestija" tfisser meta tintemm attività ta' iffilmjar jew animazzjoni jew VFX ġewwa Malta ta' produzzjoni awdjoviżiva u "lest" għandha tkun interpretata bl-istess mod;

"VFX" tfisser effetti viżwali;

"xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli" tfisser produzzjoni

awdjoviżiva li l-Kummissarju jkun stabbilixxa skont kif stipulat fil-Linji gwida.

(2) Kliem u frażijiet użati fl-Att, għandhom f'dawn ir-regolamenti, ikollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Produzzjoni kwalifikanti.

3. Produzzjoni awdjoviżiva tiġi kunsidrata bħala "produzzjoni kwalfikanti" għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk ix-xogħol awdjoviżiv jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 25 tal-Att, l-Iskeda li tinsab mal-Att u l-Linji gwida, li jistgħu jinħargu mill-Kummissarju minn żmien għal żmien.

Kumpannija kwalifikanti.

4. (1) Il-kumpannija kwalifikanti għandha tkun l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fil-ħidma tal-produzzjoni kwalifikanti u li jkollha aċċess għall-informazzjoni finanzjarja sħiħa għall-produzzjoni dinjija totali, li tkun għad- dispożizzjoni tal-Kummissarju meta huwa hekk jitlob:

Iżda għandu jkun hemm biss kumpannija kwalifikanti waħda fir-rigward ta' xi produzzjoni kwalifikanti partikolari.

(2) Iżda meta l-kumpannija kwalifikanti tkun:

(a) Kumpannija Kwalifikanti Barranija, il-kumpannija kwalifikanti għandha tkun jew vettura korporattiva għal skop speċjali jew kumpannija li twettaq jew għandha intenzjoni li twettaq f'Malta, kummerċ jew negozju li huwa kkunsidrat bħala produzzjoni kwalifikanti;

(b) Kumpannija Kwalifikanti Lokali, il-kumpannija kwalifikanti għandha jkollha produzzjoni awdjoviżiva bħala l-għan u l-attività ewlieni tagħha u trid tkun debitament reġistrata bħala kumpannija ta' produzzjoni awdjoviżiva f'Malta, li jkollha min tal-inqas direttur wieħed (1) jew azzjonist ewlieni tal-kumpannija wieħed (1) li huwa Malti jew ċittadin tal-Unjoni Ewropeja;

(ċ) faċilità jew *studio* awdjoviżiv, l-għan u l-attività ewlieni tagħha għandu jkun l-animazzjoni u, jew VFX u għandha tkun debitament reġistrata bħala *studio* awdjoviżiv jew faċilità f'Malta, li jkollha min tal-inqas direttur wieħed (1) jew azzjonist wieħed (1) ewlieni tal-kumpannija li huwa Malti jew ċittadin tal-Unjoni Ewropeja.

(3) Meta l-produzzjoni kwalifikanti tkun koproduzzjoni, il-koprodutturi għandhom jaħtru lil wieħed (1) mill-koprodutturi fosthom biex jaġixxi bħala l-kumpannija kwalifikanti fir-rigward tal-produzzjoni kwalifikanti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-

koproduttur maħtur għandu jkun meqjus bħala l-entità responsabbli għall-attivitajiet kollha involuti fl-għemil tal-produzzjoni kwalifikanti:

Iżda l-koprodutturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u separatament għall-obbligi tagħhom taħt l-Att u dawn ir-regolamenti.

Inċentivi finanzjarji.

Kap 123.

5. (1) Rifużjoni sa erbgħin fil-mija (40%) tal-infiq eliġibbli tista' tingħata bħala għotja ta' flus, li għandha tkun eżenti għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, lil kumpanniji kwalifikanti mat-tlestija ta' produzzjoni kwalifikanti, skont dawn ir- regolamenti u l-Linji gwida:

Iżda spejjeż eliġibbli identifikabbli u rikjesti taħt xi skema oħra ffinanzjata pubblikament (f'Malta), ma jistgħux jiġu rikjesti taħt din l-iskema:

Iżda wkoll l-għajnuna mogħtija mill-Istat totali li produzzjoni kwalifikanti tista' tibbenefika minnha taħt dan ir-regolament jew kull sors ieħor m'għandhiex teċċedi l-limiti provduti fir-regolament.

(2) Il-livell ta' inċentiv finanzjarju għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni skont l-artikolu 26 tal-Att, id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u l-Linji gwida.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), rifużjonijiet għal xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli jistgħu jammontaw għal għotja ta' flus sa ħamsin fil-mija (50%) tal-infieq eliġibbli, u għandhom jkunu eżenti għall-finijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income,* lil kumpanniji kwalifikanti mat-tlestija ta' produzzjoni kwalifikanti, skont dawn ir- regolamenti u l-Linji gwida.

Kap. 123.

(4) L-għajnuna massima mill-inċentivi indikati fis-subregolamenti (1) u (3), għandhom japplikaw ukoll għall-koproduzzjonijiet.

Proċedura għall-applikazzjoni.

6. (1) L-applikazzjoni għall-inċentivi finanzjarji għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissarju mill-kumpannija kwalifikanti jew mill-fergħa lokali tagħha jew mill-aġent tagħha skont il-Linji gwida.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tiġi ppreżentata flimkien mad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jistgħu jinħtiegu mill-Kummissarju, u għandha tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni mniżżla fil-Linji gwida.

(3) L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-inqas tletin (30) ġurnata ta' xogħol qabel il-bidu ppjanat tal-fotografija prinċipali

tal-produzzjoni, jew il-bidu ta' animazzjoni jew VFX's f'Malta:

Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentat inqas minn tletin (30) ġurnata ta' xogħol qabel ma tibda ġewwa Malta, din tista' tiġi aċċettata biss skont id-diskrezzjoni tal-Kummissarju.

Ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja.

7. (1) Wara li jirċievi l-applikazzjoni magħmula skont ir-regolament 6, il-Kummissarju għandu jlesti l-valutazzjoni ta' din l-applikazzjoni fi żmien għoxrin (20) ġurnata ta' xogħol u wara dan għandu jinħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja:

Iżda meta l-Kummissarju jitlob xi informazzjoni addizzjonali meħtieġa fir-rigward tal-applikazzjoni, l-għoxrin (20) ġurnata ta' xogħol għandhom ikomplu jiddekorru wara li din l-informazzjoni meħtieġa tiġi rċevuta.

(2) F'każ li jkun hemm xi tibdil fl-applikazzjoni ppreżentata għall-approvazzjoni proviżorja, l-Kummissarju għandu jiġi infurmat qabel l-approvazzjoni finali.

Tibdil sinjifikanti fil-*budget*.

8. (1) Jekk il-*budget* komplessiv finali u l-infiq komplessiv kwalifikanti jeċċedu l-*budget* komplessiv stmat u l-infiq kwalifikanti stmat kif indikati fuq iċ-ċertifikat proviżorju b'aktar minn għaxra fil-mija (10%), l-Kummissarju għandu jiġi infurmat bil-miktub.

(2) Jekk il-Kummissarju jirriżultalu li l-*budget* komplessiv finali u l-infiq komplessiv kwalifikanti jeċċedu l-*budget* komplessiv stmat u l-infiq kwalifikanti eliġibbli stmat indikati fuq iċ-ċertifikat proviżorju, il-Kummissjoni tirriserva d-dritt li tagħti l-inċentiv finali fuq mhux aktar minn għaxra fil-mija (10%) apparti l-infiq komplessiv kwalifikanti kif indikat fiċ-ċertifikat proviżorju.

(3) Għall-fini ta' dan ir-regolament, jekk jingħataw xi konċessjonijiet oħra, l-inċentivi finanzjarji jingħataw fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju.

Approvazzjoni finali.

9. (1) Mat-tlestija tal-produzzjoni kwalifikanti li għaliha jkun inħareġ ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja skont ir-regolament 7, il-kumpannija kwalifikanti għandha tissottometti dokumenti finali tal-infiq tal-produzzjoni kwalifikanti li fuqha qiegħed jintalab benefiċċju kif deskritt fil-Linji gwida. Dan l-infiq għandu jiġi vverifikat minn awditur.

(2) Is-sottomissjoni tad-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) għandha tintbagħat flimkien ma' dik id-dokumentazzjoni u informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mill-Kummissarju, u għandha tinkludi d-dokumenti u l-informazzjoni mniżżla fil-Linji gwida.

(3) Wara li jirċievi s-sottomissjoni finali magħmula skont is-subregolamenti (1) u (2), il-Kummissarju għandu joħroġ ċertifikat finali.

Obbligi tal-kumpannija kwalifikanti.

10. (1) Il-kumpannija kwalifikanti, inkluża l-fergħa lokali jew aġent tagħha, għandha tiżgura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti mniżżla fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni proviżorja u, jew fiċ-ċertifikat finali u fil-Linji gwida.

(2) Jekk il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali jew l-aġent tagħha, jonqsu milli jissodisfaw il-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1), il-Kummissarju jista' jieħu lura l-approvazzjoni proviżorja jew finali tiegħu għal għotja ta' inċentiv finanzjarju. Jekk il-kumpannija kwalifikanti jew il-fergħa lokali jew aġent ikunu rċevew l-inċentiv finanzjarju u l-Kummissarju jistabbilixxi li l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fis-subregolament (1) ma ġewx sodisfatti, hija għandha tirrimborża lill-Kummissarju l-ammont tal-inċentiv finanzjarju li tkun irċieviet fuq talba tal-Kummissarju.

Eżami tar-records.

11. (1) Meta l-inċentiv finanzjarju jkun ġie provdut skont dawn ir- regolamenti lil xi intrapriża, il-Kummissarju jista':

(a) minn żmien għal żmien jagħmel jew iġiegħel li jseħħ eżami tal-kotba, kontijiet, dokumenti, bini u kwalunkwe affarijiet u kull ħaga oħra ta' dik l-intrapriża, fergħa jew aġenzija lokali tagħha, skont il-każ, li tkun neċessarja biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-Linji gwida, u l-approvazzjoni proviżorja, u fuq liema ċertifikat kien maħruġ, jkunu qegħdin jiġu mħarsa; u

(b) jitlob li jingħata dawk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mill-intrapriża, mill-fergħa lokali jew mill-aġenzija tagħha, kif ikun il-każ u skont il-bżonn.

Database tal-assistenza provduta.

12. Il-Kummissarju għandu jżomm, għal mhux inqas minn għaxar (10) snin, *database* tal-inċentivi finanzjarji provduti lil, jew rikjesti minn, intrapriżi skont dawn ir-regolamenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista':

(a) tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti jkunux ġew osservati; u

(b) tipprovdi lill-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat dik l-informazzjoni li jista' jkollu bżonn.

Applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

13. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-produzzjonijiet awdjoviżivi rigward liema għajnuna ġiet mogħtija sa 31 ta' Diċembru

2020.

14. Ir-Regolamenti dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjoviżiva huma b'dawn revokati. Revoka. L.S. 478.01.